*-interim measure – ċirkostanzi li fih jiġi akkolt*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Ġunju 2020**

**Rikors Nru. 227/19 GM**

**HSBC Bank (Malta) p.l.c.**

**vs**

**l-Avukat tal-Istat (sostitwit minflok l-Avukat Generali b'digriet tas-27.02.2020) u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2020**

**l-Independent Bankers Union – Voice of the Workers**

**ġiet ammessa *in statu et terminis***

Il-Qorti,

Rat it-talba tal-HSBC Bank (Malta) p.l.c. permezz ta' rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2019, għar-raġunijiet hemm imfissra, għall-ħruġ ta' *interim measure*.

Ikkunsidrat:

***Setgħa impliċita fil-liġi ta' Malta***

Illi l-liġi tagħna ma tagħtix espressament il-fakolta` lill-Qorti li toħroġ *interim orders* pendenti s-smiegħ ta' kawżi dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. B'danakollu, il-ġurisprudenza tagħna tqis li din is-setgħa hi mogħtija b'mod impliċitu mid-diċitura tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni li jiffakoltizza lil din il-Qorti li "tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettieq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin)". L-istess kliem huwa ripetut fl-Art. 4(1) Kap 319. Għalhekk huwa paċifikament aċċettat li din il-Qorti għandha s-setgħa li tordna rimedji mhux biss fil-mument tal-pronunzja tas-sentenza, imma wkoll qabel;

***Setgħa espressa tal-ECHR***

Illi bil-maqlub, Regola 39 tar-Rules of Court li huma applikati mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fil-kuntest tal-Konvenzjoni, tagħti espressament is-setgħa li dik il-Qorti li tagħti *interim measures* lil kull Stat li huwa parti fil-Konvenzjoni;

***F'liema każijiet u ċirkostanzi tingħata mill-ECHR***

Skont il-prattika tal-Qorti ta' Strasburgu, il-miżuri *interim* **jingħataw biss f'każijiet eċċezzjonali** meta jkun hemm **riskju ta' ħsara serja, irreparabbli u imminenti**. L-iktar li jingħataw hu f'każijiet ta' espulsjoni jew extradizzjoni, fejn, jekk dawn jingħataw, ikun hemm periklu ta' tortura jew it-tneħħija tal-ħajja – għalkemm m'hemm l-ebda disposizzjoni li tillimita dan ir-rimedju għal dawn il-każijiet biss. Eċċezzjonalment biss, f`mizura li minnha stess diga` hija eċċezzjonali, tiġi applikata għal każijiet oħrajn, bħad-dritt għal smiegħ xieraq (Art. 6) jew id-dritt għall-ħajja

familjari (Art. 8), partikolarment l-adozzjoni tat-tfal. [1] Abbażi tal-ġurisprudenza tal-ECHR, Rule 39 **ma tiġix applikata** fil-każi ta' talbiet għal demolizzjoni imminenti ta' bini, għal dikjarazzjonijiet imminenti ta' insolvenza, għall-infurzar tal-obbligu tas-servizz militari, għal talbiet ... ta' rilaxx ta' persuni mill-priġunerija fil-pendenza ta' kontestazzjoni dwar the fairness of the proceedings;[2]

### *Fil-liġi ta' Malta, l-għoti tal-interim measures imħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti*

Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali – li kif ġja` ngħad jingħataw b'mod impliċitu biss - mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti **huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha** fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ. Hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[3]. din id-diskrezzjoni wiesa fil-qasam "kostituzzjonali" – u vaga għall-aħħar – tikkuntrasta ferm mal-provvedimenti minuzzjużi li permezz tagħhom il-leġislatur jirregola, fil-liġi ordinarja, l-ħruġ ta' atti kawtelatorji in ġenerali u l-mandat t'inibizzjoni b'mod partikolari, imfassla biex joħloq kemm jista' jkun bilanċ bejn l-interessi tal-partijiet rispettivi;

---

[1] Factsheet - Interim measures" tal-ECHR, Jannar 2013; Fil-pag 20 et seq tal-ktieb "A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights" (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid.

[2] Angelo Xuereb v AG Prim'Awla (Kost.) digriet 14.04.2016 (appellata u konfermata mill-QK ); fil-pag 113 et seq. tal-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (Raba` Edizzjoni – 2006 - Intersentia) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, igħidu – "it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination".

[3] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali; Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja 02.06.2014 Prim'Awla (Kost.) *coram* J.R. Micallef; Andrew Ellul Sullivan v. Il-Kummissarju tal-Pulizija 25.04.2003 Prim'Awla (Kost.); Pirotta v Avukat Generali J.R. Micallef; Joseph Gauci V Avukat Generali 05.10.1999 Prim'awla sede kostituzzjonali; Daniel Alexander Holmes v Avukat Generali 16.04.2014 Prim'Awla sede kost.

*Il-Qrati ta' Malta mhux marbuti bilfors li jsegwu l-prassi tal-Qorti Ewropeja*

Għalkemm il-Qrati tagħna spiss jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' Strasburgu dwar il-ħruġ ta' *interim measures,* il-Qorti Kostituzzjonali bir-raġun twissi li l-kriterji ta' kif u meta qorti ta' kompetenza kostituzzjonali tagħti rimedji provviżorji jew interlokutorji m'għandhomx **bilfors** ikunu l-istess kriterji li jirregolaw l-għoti ta' *interim measures* mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet  tal-Bniedem għax is-setgħat ta' qorti internazzjonali u dawk ta' qorti domestika fuq l-organi domestici tal-Istat huma differenti;[4]

***Kriterji żviluppati mill-Qrati ta' Malta***

Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinstiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti *o meno* ta' *interim measures*. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropeja, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax *interim measures*:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.** [5] Tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi kkunsidrata taħt l-artiklu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni, isegwi li l-proviso tal-istess subartikli[6] japplika wkoll għal dik it-talba u li għalhekk din il-Qorti tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.[7]

2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ ***prima facie* ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ**[8].

[4] Angelo Xuereb v. Avukat Generali 30.09.2016 Qorti Kostituzzjonali
[5] Mark Formosa v L-Avukat Generali 14.12.2017 Prim'Awla (Kost. ) *coram* Onor. Imħ. Jacquelene Padovani Grima
[6] il-proviżo jaqra hekk: **"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan issubartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra".**
[7] Federation of Estate Agents v Direttur Generali (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali
[8] Emanuel Camilleri v Spett. Louise Calleja 02.06.2014 Prim'Awla (Kost.)

3. Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel[9]. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-*interim order* jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**"[10].

**Ma kinux sitwazzjonijiet irrimedjabbli meta:**

(i) **L-akkużat jgħaddi ġuri** għalkemm ma kienx jaf bil-piena massima li seta' jkun soġġett għaliha;[11] jew meta allega li ma jingħatax smiegħ xieraq waqt il-ġuri billi ma ngħatax l-opportunita` jkellem avukat waqt l-interrogatorju u l-istqarrija li ttieħditlu kienet għalhekk illegali. Il-Qorti rrimarkat li r-rimedju tal-interim order "m'għandux jiġi eżerċitat indiskriminatament, bla rażan jew b'mod leġġer speċjalment fejn hawn qed jiġi allegat possibbli vjolazzjoni li tista' ssir minn Qorti Kriminali… kull sitwazzjoni trid tittieħed fil-perspettiva tagħha u fiċ-ċirkostanzi li fiha u dwarha tintalab l-*interim measure*".[12]

(ii) **Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet talba għal soprasessjoni ta' proċeduri għal ragion fattasi pendenti l-eżitu ta' proċeduri ċivili** u l-akkużati allegaw li dan kien jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' smiegħ xieraq[13]

(iii) **Direttur ta' dipartiment tal-Gvern li ġie sospiż** pendenti proċeduri kriminali **b'nofs paga** ma kien qiegħed isofri l-ebda preġudizzju irreparabbli għaliex fl-eventwalita` li ma jinstabx ħati kien sejjer jieħu l-paga kollha. Lanqas kien qiegħed ibagħti xi tbatija finanzjarja kbira billi martu kienet taħdem ma' bank lokali. Skont *policy* gdida, jekk il-proċeduri kriminali jitwalu ż-żejjed il-PSC kienet tirrakkomanda li s-sospensjoni mix-xogħol tiġi revokata. Għalhekk ukoll kien hemm rimedju ordinarju.[14]

4. L-eżistenza ta' **riskju imminenti**, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' *interim measure* il-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun **mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti** għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urgenza li

[9] Rosette Thake v Prim Ministru 09.06.2016 Prim'Awla (Kost) JRM
[10] Federation of Estate Agents v Direttur Generali (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali

[11] Joseph Camilleri v Avukat Generali 01.07.2013 Qorti Kostituzzjonali
[12] Martin Dimech v Avukat Generali; Rosario Sultana v Avukat Generali 03.11.2016 Prim'Awla (Kost) per Mark Chetchuti
[13] Angelo Xuereb v Avukat Generali 30.09.2006 Qorti Kostituzzjonali
[14] Mark Formosa v L-Avukat Generali 14.12.2017 Prim'Awla (Kost) Onor. Jacqueline Padovani Grima

tiskatta l-htiega tat-tehid tal-mizura eċċezzjonali msemmija[15].

**Ma kienx hemm riskju imminenti** f'każ il fih l-Federation of Estate Agents insistiet għal *interim measure* konsistenti fis-sospensjoni tal-proċeduri quddiem id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) billi dawn setgħu iwasslu biex il-Federazzjoni ssofri preġudizzju kbir partikolarment jekk tiġi imposta multa fuqha li tista' tlaħħaq sa ċirka €1,250,000 tenut kont li f'każ ta' appell, l-appell ma jissospendix il-multa u fl-eventwalita` li l-multa ma tithallasx jiskattaw reati u multi oħra u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 13A(3) u 21A tal-Kap. 379. Il-Qorti ma sabitx li l-ħsara kienet imminenti, għax il-Federazzjoni kellha għad-disponibilita` tagħha proċedura sħiħa kif setgħet tiddefendi l-interessi tagħha. Qabel ma d-Direttur Generali seta' jimponi tali multa kien hemm il-proċedura sħiħa kkontemplata fl-Artikolu 12A tal-Kap. 379 li trid tigi segwita. "Fin-nuqqas ta' tali ħtieġa, is-sospensjoni tal-proċeduri quddiem id-Direttur Generali sservi biss biex ittawwal inutilment dawk il-proċeduri li għadhom fi stadju ferm prekoċi".[16]

**5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali.**

Ladarba jkun hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza *pro veritate habetur*. Sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza għandha normalment tibqa' tgħodd, salv każijiet eċċezzjonali.[17]

***- talbiet għal skarċerazzjoni***

B'hekk **ġew miċħuda** talba għal skarċerazzjoni pendenti proċeduri kostituzzjonali minn persuna li **allegat ksur ta' smiegħ xieraq wara li**

---

[15] Federation of Estate Agents v Direttur Generali (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali

[16] *ibid.*

[17] Stephen Pirotta v L-Avukat Generali 19.04.2016 Prim'Awla (Kost.), *coram* Onor. Imħ. J.R. Micallef

**nstabet ħatja ta' reat wara ġuri,** u s-sentenza tal-Qorti Kriminali ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali[18]; u talba biex ma tiġix esegwita sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, pendenti kawża kostituzzjonali dwar allegat ksur ta' smiegħ xieraq minħabba stqarrija meħuda kontra l-liġi. F'dan it-tieni każ, il-Qorti qalet li "apparti li dawn iċ-ċirkostanzi għad iridu jiġu ppruvati fil-mertu ma nġiebet ebda prova ta' gravita` jw serjeta` tali ta' ħsara imminenti.[19] Għall-kuntrarju, **ġiet aċċettata** t-talba għal skarċerazzjoni f'każ eċċezzjonali fejn irriżulta mal-ewwel daqqa t'għajn li missier ġie kkundannat li abbuża sesswalment minn bintu abbażi ta' ġuramenti foloz;[20]

***- talbiet biex jiġi sospiż żgumbrament***

***F'Ruggier,*** din il-Qorti, diversament ippreseduta, qalet li għalkemm huwa minnu illi, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, din il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tħoll lill-partijiet mir-rabta ta' *res iudicata* jekk dan ikun meħtieġ biex tagħti rimedju kontra ksur ta' dittijiet fondamentali, dan ma għandux isir leġġerment, u żgur mhux qabel ma tkun ingħatat sentenza li ssib illi tassew kien hemm dak il- ksur. Allegazzjoni *ex parte* illi sar ksur ta' dritt fondamentali ma hijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija għal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u l- finalità ta' *res iudicata* illi sentenza tinżamm milli titwettaq għax xi ħadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali;

Il-Qorti qalet li sentenzi li saru *res iudicata* għandhom jitqiesu li jiswew u li ngħataw *rite et recte* sakemm ma jintweriex mod ieħor. Għal din ir-raġuni, it-talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni, f'dak l-istadju, ma

---

[18] *ibid.*
[19] Trevor Bonnici v L-Avukat Generali 30.05.2016 Prim'Awla Kost. *coram* Onor. Imħ. (Ilum Prim Imħallef) Mark Chetchuti
[20] Emanuel Camilleri v Spett. Louise Calleja 02.06.2014 PA(Kost) *coram* Onor. Imħallef Joseph R. Micallef.

setgħetx tintlaqa';[21]

Illi d-digriet ġie appellat. Il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm ħassret id-digriet u laqgħet it-talba għall-*interim measure*, enfasizzat iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u partikolari tal-każ li kellha quddiemha:

> "10. Din il-Qorti taqbel fil-prinċipju ma' dak li qalet il-Prim Awla fil-provvediment appellat, u cioe` li r-regola għandha tkun li, ġaladarba hemm sentenza li għaddiet in ġudikat, dik is-sentenza għandha favuriha l-preżunzjoni li kull ma wassal għaliha sar *rite et recte*. **Is-sempliċi allegazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq jew ta' xi dritt fondamentali ieħor ma jistax iwaqqaf, bħala regola, l-esekuzzjoni ta' sentenza li għaddiet in ġudikat, għax altrimenti tkun ħaġa mill-aktar facli għal min irid jistultifika l-effett tar-*res iudicata* li, eżawriti l-proċeduri kollha skond il-liġi ordinarja (inkluż, fil-każ ta' kawżi ċivili, dak ta' ritrattazzjoni, gja` fih innifsu rimedju straordinarju) jallega xi ksur ta' dritt fondamentali**. Ħaġa bħal din iġġib diżordni sħiħa fis-sistema legali u ġudizzjarja u tagħti lok għal abbuż, bi ħsara ta' min ikollu favurih sentenza tal-qorti, b'awment ta' litiġju li żgur il-Qrati tagħna m'għandhomx bżonnu u, fil-każ ta' proċeduri penali, bi tnaqqis tas-sigurezza għaċ-ċittadini onesti li s-sejbien tal-ħtija u l-għoti tal-kundanna suppost li jġibu magħhom. <u>Anqas huwa argument validu</u> dak miġjub mill-appellanti Carmen Ruggier <u>li</u> meta si tratta ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' żgumbrament, fejn ikun hemm kontestazzjoni tas-sentenza, <u>għandha dejjem tipprevali s-sospensjoni</u> sakemm tiġi deċiża l-kontestazzjoni dwar il-validita` tas-sentenza ta' żgumbrament. Tali argument igib bhala konsegwenza li sid il-proprjeta`, jew minn għandu favurih sentenza ta' żgumbrament, jiġi dejjem zvantaggjat, bi hsara tiegħu tad- dritt – ukoll wieħed fundamentali – tal-proprjeta`.
>
> 11. B'dana kollu, ma jistax jiġi eskluz li **jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali** fejn, sabiex jiġi assigurat bl-aktar mod ampju rimedju adegwat u effettiv, ikun indikat li tittieħed miżura *ad interim* li jista' jkollha l-forma wkoll ta' sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza… Fil-fehma tal-Qorti, l-adegwatezza u l-effettivita` tar-rimedju li *talvolta* jista' jingħata wieħed irid jeżaminah mhux sempliċiment billi jhares lejn in-natura tal-vjolazzjoni lamentata u jara, fl-eventwalita` li seħħet dik il-vjolazzjoni, x'jistgħu jkunu r-rimedji, iżda wkoll billi

[21] Joseph Emanuel Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier Digriet mogħti fl-4 ta' Lulju 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Kost)

jeżamina l-fattispeċi partikolari tal-każ, inklużi l-anteċedenti li jkunu wasslu għall-vertenza, biex jara jekk hemmx xi **ċirkostanza insolita** li timmilita favur il-miżura *ad interim* fil-konsiderazzjoni ġenerali ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

12. **Kull każ, għalhekk, għandu jiġi ezaminat separatament** u, s'intendi, **mingħajr ma jiġi preġudikat il-meritu**. Għalhekk fil-każ in diżamina din il-Qorti mhix ser tidħol fil-meritu… Din il-Qorti sejra tissenjala konsiderazzjoni waħda li, fil-fehma tagħha, timmilita favur l-akkoljiment ta' l-appell f'dan il-każ, u dan hu l-fatt li wara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 1994 l-appellat odjern **dam kwazi sitt snin ma jagixxi għall-iżgumbrament in forza ta' dik is-sentenza**. X'kienet ir-raġuni għal dan id-dewmien din il-Qorti ma tafx u, fiċ-ċirkostanzi, hija rrelevanti; dak li hu relevanti hu l-fatt li, meta wieħed iqis l-inattivita` ta' Joseph Oliver Ruggier, li favurih kellu sentenza ta' żgumbrament, mal-ftit xhur li tista' tieħu din il-kawza kostituzzjonali biex tiġi finalment determinata, wieħed ma jistax serjament joġġezzjona għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament (ossia għas-sospensjoni ta' l-effetti ta' l- imsemmija sentenza). Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il- każ, din iċ-ċirkostanza hija eċċezzjonali biżżejjed biex a bazi tagħha jintlaqa' l-appell (ta' Carmen Ruggier). Din il-Qorti tagħmilha ċara li dan ma jfissirx li kull meta persuna tagixxi skond l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, dan ifisser, jew neċessarjament għandu jfisser, li hemm lok jew gustifikazzjoni li wieħed itawwal aktar l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza. Il-provvediment infraskritt li ser jingħata huwa bbażat esklussivament fuq il-fattispeċi partikolari tal-każ in dizamina. Din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak reġistrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2005 (quddiem l-ewwel Qorti) fejn ir-rikorrenti, illum appellanti, iddikjaraw li f'każ li tintlaqa' t-talba tagħhom ta' sospensjoni huma **kienu lesti li jagħtu garanzija** kontra d-danni minħabba d-dewmien ta' l-esekuzzjoni.[22]

Illi kien hemm każijiet oħrajn li fihom ingħata *interim order* wara żgumbrament in segwitu ta' ġudikat[23], fosthom il-każ iċċitat mill-appellant[24], li fih il-kunsiderazzjoni ewlenija li nduċiet lil din il-Qorti

---

[22] Joseph Emanuel Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier, 22.08.2005 Qorti Kostituzzjonali
[23] Antida Debattista v. Carmelo Fenech 25.01.2012 Prim'Awla (Kost.) *coram* Onor. Imħ. Joseph Zammit Mckeon
[24] Anthony Mario Vella v. Registratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali 27.07.2018 Prim'Awla (Kost) *coram* Onor. Imħ Lorraine Schembri Orland.

(diversament ippreseduta) tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-interim order, għalkemm din saret fi stadju bikri qabel bdew jinstemgħu il-provi, kienet li jekk il-mandat ta' żgumbrament kien sejjer jiġi esegwit, kien "wisq evidenti" li l-Qorti kienet tkun impeduta milli tagħti rimedju effettiv. Dawn il-każijiet oħrajn jenfasizzaw li f'każijiet ta' żgumbrament il-ħsara ma tkunx tista' titreġġa' lura u għalhekk ma jaċċennawx għall-periklu kbir ta' diżordni fis-sistema legali u ġudizzjarja u d-dannu li jsofri min ikollu sentenza favur tiegħu li tkun għaddiet in ġudikat u xorta waħda ma jkunx jista' jesegwiha, u l-lok għall-abbuż mis-sistema ġudizzjarja tagħna bl-iskuża ta' ksur tad-drittijiet fundamentali;

***Applikazzjoni tal-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ preżenti***

Ikkunsidrat:

Illi fil-każ preżenti, l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. qiegħed jallega ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq meta fi proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, iċ-*chairperson* tat-Tribunal irrifjutat li tirrikuża ruħha; it-Tribunal kompla jisma' l-każ u fit-22 ta' Novembru 2019[25] għadda għad-deċiżjoni li mhix appellabbli u għalhekk tikkostitwixxi ġudikat. It-Tribunal laqa' t-talba tal-Union rikorrenti f'dik il-proċedura u ordna l-Bank sabiex ma jżomm lil ebda uffiċjal tal-Union milli jassisti lill-membri tagħha fi kwistjonijiet mal-istess Bank fuq materji mhux kollettivi. Il-Bank qiegħed jitlob li din id-deċiżjoni ma titqiesx inforzabbli sakemm tiġi deċiża din il-kawża, għar-raġuni li dan iwassal għal sitwazzjoni kontradittorja fejn il-Bank huwa marbut jonora sentenza li din il-Qorti għadha trid tikkunsidra l-

[25] fotokopja mhux awtentikata tad-Deċiżjoni esibita a fol. 27.

kostituzzjonalita` tagħha; sitwazzjoni li minnha nfisha tkompli tikkalpesta d-drittijiet tal-Bank;

Illi għalkemm il-Bank saħaq li d-Deċiżjoni tat-Tribunal mhix appellabbli; b'danakollu l-Qorti mhix konvinta li m'għandux rimedji oħrajn skont il-liġi biex jattakka d-deċiżjoni anke quddiem din il-Qorti fil-kompetenza "ordinarja" tagħha;

Illi din il-Qorti tqis li hawn si tratta ta' sospensjoni tal-effetti ta' ġudikat. Għalkemm ġudikat jista' jiġi mwaqqa' minn din il-Qorti fil-kompetenza "kostituzzjonali" tagħha, l-effetti tiegħu m'għandhomx jiġu sospiżi kif ġieb u laħaq fil-mori tas-smiegħ ta' kawża kostituzzjonali, anke għaliex huwa prinċipju fundamentali antik fil-proċedura ċivili li sentenza li għaddiet in ġudikat hija, fil-prinċipju, intokkabbli u dan fl-interess pubbliku taċ-ċertezza tad-dritt – *interest rei pubblicae ut sit finis litium* - kif ukoll prinċipju ieħor taż-żminijiet tallum b'ħarsien tal-jedd fundamentali għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli. Sakemm ma jkunx hemm sentenza li, b'mod eċċezzjonali, tħassar sentenza li għaddiet in ġudikat, dik is-sentenza għandha titqies li tkun veljanti bl-effetti kollha tagħha, sakemm ma jiġix ippruvat li l-parti telliefa f'dik il-kawża tkun sejra ssofri preġudizzju li ma jkunx jista' jissewwa f'każ li s-sentenza eventwalment tiġi mħassra. Il-Qorti tifhem, li jekk ma takkordax it-talba tal-Bank għall-ħruġ ta' *interim order,* il-Bank isofri preġudizzju li ma jistax jissewwa billi jkollu jaċċetta li mpjegati tiegħu ikunu rappreżentati minn kwalunke uffiċjal tal-Union tagħhom, kemm-il darba din il-Qorti tilqa' l-ilment tiegħu ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq. B'danakollu, il-preġudizzju, għalkemm mhux rimedjabbli pendenti s-smiegħ ta' din il-kawża, **ma jibqax irrimedjabbli b'mod permanenti** għaliex f'każ ta' eżitu favorevoli għall-Bank ta' din il-kawża, id-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi mħassra, u sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni oħra tal-istess Tribunal, il-

Bank ikun ħieles li ma jaċċettax kwalunkwe rappreżentant biex jassisti lill-impjegati f'każi ta' tilwim bejnhom u bejn il-*management* tiegħu. Il-Qorti tqis ukoll li dan il-preġudizzju, għalkemm dejjem jibqa' preġudizzju, **mhuwiex xi wieħed serju** li, per eżempju, iwassal għal xi telf ta' profitti tal-Bank, jew ixekkel b'mod goff l-operat kummerċjali tiegħu. Barra minn hekk, din il-Qorti laqgħet proviżorjament it-talba tal-Bank fid-9 ta' Diċembru 2019 u minn dakinhar għaddew iktar minn sitt xhur, anke minħabba l-emerġenza nazzjonali ikkawżata mill-pandemija tal-Covid-19; u min-naħa l-oħra din il-Qorti sejra tagħti s-sentenza tagħha fi żmien qasir. Għalhekk, it-"tieqa" li sejra titħalla miftuħa se tkun waħda verament dejqa;

U billi l-fatturi msemmija jimmilitaw kontra l-ilqugħ tat-talba tal-Bank għall-ħruġ ta' *interim order*;

Din il-Qorti qiegħdha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet proviżorju tagħha tad-9 ta' Diċembru 2019 u tiċħad it-talba tal-Bank għall-ħruġ ta' *interim measure* magħmula permezz tar-rikors tas-27 ta' Novembru 2019;

Spejjeż ta' dan id-digriet riżervati għall-ġudizzju finali.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERICECA